# Post tax-xogħol vakanti

**UFFIĊJAL (RIŻORSI UMANI U AMMINISTRAZZJONI)**
**(Permess ta' Jobsplus Nru: 686/2021)**

Din il-kariga fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija marbuta ma' Skala ta' Salarju 10 tas-Servizz Pubbliku. Din il-kariga hi b'kuntratt indefinit fuq bażi *full-time.*

L-**Uffiċjal (Riżorsi Umani u Amministrazzjoni)** irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha kwalifika rikonoxxuta ta' Baċellerat fil-Livell MQF 6, (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003) f'*Public Sector Accounting*, *Procurement and Finance*, *Business Administration*, *Work and Human Resources*, *Public Policy*, *Public Administration*, *Public Management, Leadership and Organisational Behaviour* jew kwalifika rikonoxxuta, adattata, komparabbli.

Il-kandidati għandhom ikollhom ħiliet komunikattivi tajbin inkluż kitba tajba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, u kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet relevanti tal-*MS Office*. Għarfien/esperjenza f'suġġetti ta' anti-diskriminazzjoni u ta' ugwaljanza huma meqjusa ta' vantaġġ.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE **sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2022**. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Imejl: equality@gov.mt  Sit elettroniku: www.ncpe.gov.mt